*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 17– 29 ta' Mejju 2025**

***Minuti tas-sbatax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-29 ta' Mejju 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 17. Il-laqgħa bdiet fis-6:50pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** | |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**Pubbliku:** Ħadd

17.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li l-minuti ikunu approvati.. Hu kien sekondat mill-Kunsillier Paul Baldacchino. Il-minuti kienu approvati unanimament.

17.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

- Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li it-Tnejn ta' wara kien skedat li jibda l-qtugħ tal-ħaxix fit-toroq rurali.
- Dwar Triq Luret Cutajar, is-Sindku qal li kien hemm ħafna asbestos moħbi taħt it-triq li meta tqaxxret tela' fil-wiċċ. Dan kellu jitneħħa mill-awtoritajiet kompetenti. Kien hemm b'kollox 17-il xkora asbestos. It-tarmac ser jinbeda dalwaqt.
- Ser jinbeda wkoll ix-xogħol fuq il-culvert ta' Vjal il-Ħelsien ta' quddiem il-Convenience.
- Is-Sindku informa wkoll li nxtrat camera li ser titweħħel f'diversi postijiet skont il-ħtieġa.
- Dwar it-Trinka fi Triq Santa Marija li saret mill-privat, is-Sindku ssuġġerixxa lill-Kunsill sabiex tinħareġ stqarrija fejn ikunu spjegati l-fatti kollha inkluż il-fatt li din mhix responsabilita tal-Kunsill u li kull ma jista jsir min-naħa tal-Kunsill hu li jikkomunika mar-regolatur li f'dan il-każ huwa TM biex ikellmu lill-klijent u lill-kuntrattur tagħhom u anke jieħdu passi kontrihom. Il-Kunsillier George Cortis ppropona li din l-istqarrija għandha tkun ppublikata u kien sekondat mis-Sindku Steve Zammit Lupi. Il-vot kien wieħed unanimu

17.3 Bus Shelters Haz-Zebbug

Wara li s-Sindku Steve Zammit Lupi spjega dwar l-MOU li ġiet iffirmata mill-kunsilli kollha taħt l-awspiċi tal-AKL, liema MOU kien mal-kumpanija Faces dwar bus shelters ġodda. Il-commitment attwali hu li jsir bus shelter fi Triq Sciortino biss. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li m'hemm xejn xi jżomm lill-Kunsill li jagħmel bus shelters ġodda sabiex in-nies ikollhom fejn jistkennu.

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill joħroġ sejħa għal bini ta' dawn il-bus shelters.

17.4 Festa San Filep 2025

Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li kienet ġejja is-Sindku t' Aġira għal festa ta' San Filep flimkien ma' delegazzjoni Aġirjana, fejn anke ġie mfassal programm kulturali għal din il-mawra.

Huwa nforma ukoll lill-Kunsill li kienu saru l-preparamenti kollha għal din il-festa, bħal arranġamenti għal tindif, ambulanza u nurse, parking, skips, mobile toilets, fire engine eccetra.

17.5 Attivita Kulturali 2025

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier responsabbli għall-Kultura, Mario Attard, l-attivita li ser issir f'Ottubru li ġej ser tissejjaħ 'Għaż-Żiffa taż-Żebbuġ', li ser tittella fMisraħ San Filep u Troq Sciortino.

Fis-16 ta' Lulju 2025 il-Kunsill qed jorganizza wkoll mawra ta' ġurnata għal Sqallija li fiha programm mżewwaq.

17.6 Vot tal-Flus

Wara diskussjoni dwar il-vot tal-flus, il-Kunsillier Mario Attard ppropona li dawn il-pagamenti jkunu approvati. Din il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Paul Baldacchino. Kien kien hemm vot unanimu.

17.7 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:12pm.

| | |
|---|---|
| **Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |